# QAWMIEN GĦALL-ĦAJJA

*(Imsemmija b'tifħir fil-Konkors tan-Novelli.)*

Qam, ħares ma' dwaru u ħass fih xi ħaġa li qanqlitu; ħass ferħ li qatt ma kien ġarrab; u wara żmsen li fih kien qiesu mibluh, donnu jistenna xi ħaġa, intebaħ li dak il-ħin kienu nfetħu għajhejh għal bosta ħwejjeġ li qatt ma kien ra, u għall-ewwel darba ħass li qiegħed igħix.

Il-ġmiel ta' fil-għodu laqtu b'mod ġdid, ħelu u tal-għaġeb; fix-xemx għadha tielgħa, fil-lwien tal-ward, fil-għana tal-għasafar, ra u sama' ħwejjeġ ġodda li mlewh bil-hena; donnhom riedu jgħidulu li dak il-ġmiel kien għalih, kien tiegħu; li kienu hekk sbieħ għax kienu magħmula għalih, biex igawdihom. U, msaħħar, mimli bil-ħsieb li qatt ma kien żaru, qagħad iħares, mistagħġeb, ferħan bil-ferħ tiegħu n-nifsu.

Qabel kien ħieni mingħajr ma jaf il-għaliex, l-anqas kien jaf meta kien hieni; ma kellux dwejjaq, jew jekk kellu kienu żgħar, ħfief, li jgħaddu u jintsew malajr; ma kenux iħallu l-anqas tifkira; imma issa ntebah li kif il-ferħ kien akbar, hekk id-dwejjaq meta jiġu, ikunu aktar kbar u jħallu imrar, għax issa sar jifhem u jħoss wisq iżjed, u dak li jgħaddi minnu ma jintesix malajr. U għalhekk beża' li jitlef dak il-ferħ bil-kemm misjub, li ma jilħaqx igawdi dak li kien imħejji għalih, għax deherlu li għajjun tal-hena bla tarf kienu miftuħa għalih.

U ried jaf. Ried jaf għaliex ħafna bnedmin ma kenux ħienja bħalu, bħall-ħlejjaq l-oħra, għaliex ma kinux jixxebbgħu bit-tgawdija li kullħadd jista' jieħu sehem minnha. Ried jaf jekk il-bnedmin kinux iħossu bħalu, għax ħadd ma kien qallu bit-tibdila li għad tiġri fih, mingħajr ma jkun jaf sew kif u meta, bħalma kienu qalulu bi ħwejjeġ oħra; u ftakar kif minn ftit żmien qabel kien iħossu qiegħed jistenna xi ħaġa; ma satax jifhem bosta xorti.... u issa fehem! Iżda le kollox. Ried jaf elf ħaġa, għaraf kemm ma kien jaf xejn, ħdejn dak li sata' jkun jaf, u beża' li ma jkollux żmien ikun jaf kemm xtaq; u hu li ma satax ifisser x'kien qiegħed iħoss, tħawwad xi ftit meta sab ruħu jixennaq għall-għerf; iżda xi ħaġa baqgħet tferrħu u ttennilu li t-tgawdija tal-għixien kienet akbar minn kollox.

Hekk ħass ruħu mimli bil-hena li deherlu li ma kienx biż-żejjed biex iġarrabha; stħajjel li mkien ma kien jesgħu; sab ruħu miġbud lejn il-kobor, il-beraħ; ma satax isofri tfixkil, u kien jerħilha waħdu, għal żmien twil il-bogħod minnies, biex ma jkollux ebda rażan għall-ferħ tiegħu.

Imbagħad deherlu li jkun aħjar jekk kullħadd iħoss bħalu, u jgawdi miegħu, u xtaq jagħmel lil kullħadd ferħan; beda jsaqsi u jkellem lill-oħrajn.

Ma fehmuhx—ix-xjuħ ma tawx kas tiegħu, jew bit-twissijiet li ma jgħoddux għaż-żgħażagħ berdulu l-ferħ tiegħu; il-kbar ma tawx widen u bil-kemm ma qalulux iħallih mill-ħmerijiet; sħabu jew daħku bih, jew ma fehmuhx; u hu għall-ewwel stagħġeb, imbagħad ġietu dieqa kbira, għax sab ruħu waħdu mingħajr ruħ li tifraħ miegħu.

Hu li ħaseb li sejjer iġiegħel lil kullħadd igawdi, sab ruħu waħdu u mnikket, jaħseb li tant ħwejjeġ sbieħ qegħdin jistennew min jitgħaxxaq bihom u ħadd ma kien jarahom; u hu, li kien jaf bihom ma sata' jurihom lil ħadd; u xtaq li għall-inqas qalb waħda tkun trid tfarrġu, u targa' tatih il-ferħ li ħass meta qam għall-ħajja.

Sisyphus (Mary Caruana).

TIDĦAK!!!

*Lil....wieħed.*

Tidħak bla bżonn, għax għandek snienek bojjod
Li donnhom alabastru taħt il-qroll;
U ngħidlek li tassew ma fihomx nikta;
La mferrqa, la marsusa; sbieħ il-koll.
Iżda għidli: fadallek xi tifkira
Li darba f'nofs-in-nhar (kien il-ħarifa)
Iltqajna it-tnejn bla snien għand E. Lapira?

Dun Karm